# Soċjalizzazzjoni u abitwazzjoni - is-sigriet li jkollok kelb fidil




**Xi tfisser il-kelma 'soċjalizzazzjoni'?**

Is-soċjalizzazzjoni tassigura li l-kelb tiegħek jidra lin-nies u annimali oħrajn, biex ma jkunx imbeżża' minnhom fil-futur.

L-abitwazzjoni hija meta inti tgħallem lill-kelb tiegħek ma jibżax minn esperjenzi, sitwazzjonijiet u oġġetti strambi. Hawnhekk, għall-konvenjenza, nirreferu għat-tnejn li huma sempliċiment bil-kelma 'soċjalizzazzjoni'.

Jekk inti tixtieq li jkollok kelb kuntent u fidil li tista' tieħu miegħek kullimkien u tiltaqa' ma' xiex tiltaqa', allura s-soċjalizzazzjoni hija importanti! Jekk ġeru ma jkunx mgħallem jissoċjalizza kif suppost minn mindu jiġi għandek u matul l-ewwel sena tiegħu, 'il quddiem jistgħu jiżviluppaw problemi ta' biża' u aggressjoni.

**Importanti li titfakar!**

• Xorta waħda tkun għadek fiċ-ċans li tgħin kelb adult jissoċjalizza, kull ma trid aktar ħin u paċenzja. Jista' jkun tiġi bżonn l-għajnuna ta' 'trainer'.

• Tista' tgħin fil-proċess tas-soċjalizzazzjoni billi tuża l-ADAPTIL - staqsi lill-veterinarju tiegħek dwar dan. Issibu bħala 'plug-in', 'spray' jew bħala kullar u dan jerħi 'pheromones' simili għal dawk li toffrilu ommu biex ġeru jew kelb adult ikun kapaċi jikkopera ma' esperjenzi strambi jew ġodda.

• Li titfa' l-kelb tiegħek jitħallat ma' oħrajn, mingħajr superviżjoni fejn jista' jkollu reazzjonijiet ħżiena u esperjenzi negattivi ma' klieb oħrajn, nies, oġġetti jew annimali, mhuwiex soċjalizzazzjoni tajba u jista' jkollu effetti negattivi fit-tul fl-aġir tiegħu. Jekk kelb jibda jirreaġixxi negattivament għal xi ħaġa, warrbu u erġa' pprova aktar tard minn distanza aktar 'il bogħod u ħu parir mingħand xi ħadd li jifhem.

**Kif tagħmel dan?**

Hija xi ħaġa sempliċi – ħalli l-ġeru tiegħek jew il-kelb adult jesperjenza xi ħaġa ġdida u faħħru għall-aġir tajjeb u kalm tiegħu. Tesponihx għal livelli għoljin ta' stimulazzjoni ta' esperjenza ġdida matul is-soċjalizzazzjoni. L-għan tiegħek huwa li tgħinhom jidraw is-sitwazzjoni bil-mod filwaqt li żżid il-livell, għalhekk per eżempju tista' tibda bi triq kwieta jekk qed tipprova tesponi l-kelb tiegħek għat-traffiku u ibqa' tih rigal u faħħru għall-aġir kalm tiegħu, imbagħad 'il quddiem ħudu f'toroq aktar storbjużi meta jidra dawk kwieti.

**Lista ta' soċjalizzazzjoni**

Hawnhekk issib lista ta' affarijiet li forsi tixtieq li l-kelb tiegħek jidra. Dawn huma biss suġġerimenti u tista' ssib ħafna aktar x'iżżid.

- Nies ta' kull età, razza, abbiltajiet fiżiċi/qisien, bil-leħja/jilbsu n-nuċċali/ kappell/ stili differenti ta' ħwejjeġ, jiġru/'jogging'/'skateboarding'/isuqu r-rota eċċ., bl-umbrella f'idejhom.

- Annimali oħrajn: klieb ta' kull qies/età/razza u dehra, qtates, fniek/ pets żgħar, żwiemel.

- L-ambjent tiegħek – ġewwa u barra: 'Appliances' normali fid-dar – il-'vacuum cleaner', il-'washing machine' eċċ., traffiku, il-pustier, dak li jiġi jiġbor l-iskart, eċċ. Meta tieħdu jivjaġġa f'karozza, karozza tal-linja. Il-klinika tal-veterinarju/tal-'groomer'. Ħsejjes għoljin – il-logħob tan-nar, trabi jibku, eċċ. Irrekordja ftit minn dawn u semmagħhom lill-kelb tiegħek matul mumenti fejn ikun ferħan, filwaqt li minn darba għal oħra żżid il-volum sakemm tinnota li ma jiddejjaq lanqas xejn).

www.dogtrainingmadeeasy.org